ST JAMES CHURCH—XGHAJRA

xghajra New Link
community

HARGA SPECJALI : Aylan Issue

HARIFA 2015

Harga Nru 3

- **U AHNA FIX-XGHAJRA X'SER NAGHMLU?**

ILTQAJNA FIL-"CORE GROUP" LI JGHIN FIT-TMEXXIJA TAX-XGHAJRA CHURCH, U EZAMINAJNA DIVERSI INIZJATTIVI X'NISTGHU NIEHDU.

NIFHMU LI AHNA ZGHAR, B'RIZORSI LIMITATI HAFNA, IMMA XORTA RRIDU NAGHTU SEHEMNA.

KELLNA ZEWG FRIDGES FIL-HOSTEL. IT-TNEJN JAHDMU TAJJEB. IMMA WIEHED KIEN IKBAR, ISBAH U JESA' IZJED. IT-TENTAZZJONI KIENET LI NAGHTUHOM IZ-ZGHIR. IMMA LE, *"DAK KOLLU LI TAGHMLU LIL OHRAJN TAGHMULH MIEGHI STESS"* QALILNA GESU'.

TAJNIHOM IL-FRIDGE IL-KBIR!

GHAX NEMMNU FIL-PROVVIDENZA!

# L-ISTORJA TA' Aylan—kellna nbiddlu l-*front page*



**ISEM**: AYLAN KURDI—**ETA'**: 3 SNIN—MISJUB MEJJET B'WICCU MAR-RAMEL MITLUQ FUQ IX-XATT FIT-TURKIJA—X'GHAMEL? OMMU U Z-ZEWG HUTU RIEDU JAHARBU MILL-ATROCITAJIET TAL-*ISIS* (L-ESTREMISTI IZLAMICI), WAQT IL-GWERRA CIVILI FIS-SIRJA…RIEDU JAHARBU L-QTIL TAL-MASSA, *RAPE* U DISTRUZZJONI TA' BLIET SHAH….RITRATT LI BIDDEL L-ISTORJA TA' KIF INHARSU LEJN IR-REFUGJATI SIRJANI…AYLAN GIE MAQTUL MILL-FANATIZMU RELIGJUZ, RAZZIZMU, U DAWK KOLLHA, ANKI FOSTNA, LI JXERRDU L-BIZGHA MILL-BARRANI, MINN MIN HU DIFFERENTI, MIN DAWK LI MHUMIEX BHALNA…..

# *UNDERGROUND CHURCH*

## FR RAY TOLEDO—DWAR IL-KOMUNITA' TAX-XGHAJRA

Meta gie biex iqaddsilna l-quddiesa tal-Hadd Fr Ray Toledo, id-delegat tal-Arcisqof Charles J. Sciluna, meta hares llejn il-Kongregazzjoni quddiemu qalilna minn fuq l-altar:

**"Kuntent li qieghed fostkom ghax nara hafna entuzjazmu, xewqa ta' tigdid: karatteristici ta' Knisja UNDERGROUND li thaddan Komunita' hajja u vibrant.i.**

Issuggerilna diversi affarijiet kif intejbu l-Knisja u s-sound system u wera apprezzament lil diversi nies impenjati fil-

Komunita' .

Wara l-quddiesa hareg isellem lin-nies bi tbissima u hadilhom b'idejhom, lit-tfal, nisa u rgiel —xi haga li qed naghmluha wara kull quddiesa biex ikollna dan ir-rapport personali ma' kull min jattendi l-quddies.

Il-mod kif biddilna l-ghamla tas-siggijiet fil-Knisja kien suggeriment tieghu—biex johloq sens ikbar ta' gabra u ta' talb filwaqt li nuru fil-prattika dak ir-rapport vicin in-nies.

Din il-vicinanza man-nies giet aprezzata minn bosta li qalulna: "qed nerga' nibda nigi l-quddies ghax qed inhossni familja wahda"

"Bhall-ewwel insara intom 'underground church'. Tmorru ghal dak li hu essenzjali. Fortunati li mghandkomx tradizzjonijet pezanti u ghalhekk tistghu tikkoncentraw fuq dak li hu essenzjali: kif Gesu' jkompli jkun maghruf u mahbub"

Nittamaw li nergghu naraw lil FR RAY TOLEDO mill-gdid maghna mhux biss biex jispirana kif iqaddes b'devozzjoni l-quddiesa imma wkoll tal-kliem ta' inkoraggiment li kapaci jaghti.

GRAZZI Fr Ray u f'isem il-Komunita' tax-Xghajra nixtiequlek hidma siewja fix-xoghol gdid li ghandek fid-Djocesi!

## FR EVAN, DUN BASTJAN, FR BRIAN, IL-*CLOWN* LI BDIELNA L-LITURGIJA TAT-TFAL KULL NHAR TA' HADD FIL-11:00 AM

Meta jigu qassisin li hadmu jew qed jahdmu fil-Komunita' tax-Xghajra igibulna l-ferh u l-entuzjazmu. Dak kollu li hemm bhalissa hu frott tal-gharaq taghhom....Qeghdin biss naqtghu l-frott ta' dak li zerghu huma fix-Xghjara *community.*

**FR EVAN,** il-Kappillan il-gdid ta' Haz Zabbar qaddsilna quddiesa tas-Sibt filghaxija. Kien mument ta' talb,, solidarjeta' li ghaqda bejnietna u l-Parrocca ta' Haz Zabbar. Fr Evan ghadu wkoll gdid u jifhem ahjar minn dak li ghaddejjin minnu ahna.

**DUN BASTJAN,** ghamel izjed minn 10 snin bhala Kapillan ta' Haz Zabbar. Il-hidma u x-xoghol tieghu narawhom kull fejn thares. Meta qaddsilna hassejna hafna kuragg li hidmietu nkompluha bl-istess entuzjazmu u determinazzjoni li ghandu.

Kienet verament sabiha l-laqgha li kellu mill-iscouts tax-Xghajra b'SA;LVU BORG il-Bniedem tad-Deheb.

**FR BRIAN GIALANZE'** kliem strumentali biex nibdew mill-gdid IL-LITURGIJA TAT-TFAL waqt il-quddiesa tal-Hadd li komplejniha sal-lum. Liebes ta' CLOWN, wasslilna l-ferh u l-entuzjazmu tat-tfal li zdiedu u bdew igibu anke l-genituri magghom!

GRAZZI FR BRIAN...nergghu narawk!

PS It-tfal indunaw li hu qassis!

**Jekk Alla jrid, qassisin ohra li taw sehemhom fil-bini tal-Knisja hajja tax-Xghajra ser ikunu mistiedna wkoll biex nirringrazzjawhom u jaraw li l-hidma taghhom qed tkompli. Iz-zerriegha li zerghu, b'hafna sagrificcji u qtiegh il-qalb, b'nies li japrezzaw u ohrajn li dejjem jikkritikaw,**

# *BEFORE & AFTER*….IL-GRUPP TAZ-ZGHAZAGH

Ix-Xghajra qed ikollna diversi mistednin li b'hajjithom qed jippro-ponulna stil gdid ta' hajja: qed ju-runa—*b'hajjithom*—kif issib il-ferh. Qed juruna kif taghmel minn hajtek Kattidral ta' min sab x'inhu dak il-Pjan ta' Ferh li Alla-Imhabba hejja ghalih jew ghaliha.

Laqtitni l-laqgha li ghamilna ma' PATRI IVAN, Kapuccin, mill-Kunvent ta' Sta Liberata.

Konna l-grupp ta' zghazagh im-mexxija minn Maria u John Paul flimkien ma' Sarah, Isaac 1 & Isaac 2, Italo, Marie, Eloise. Dawn huma l-leaders tal-generazzjoni gdida ta'

zghazagh li kapaci jsaqsu, kreattivi, b'ideat godda u prattici.

Smajna b'attenzjoni kbira lil Fr IVAN ikellimna dwar hajtu, kif minn *intro-vert* sab bilanc billi beda jghix iktar

ta' *extrovert*….kif sab il-vokazzjoni tieghu ta' Patri Frangiskan imqanqal mill-film dwar San Frangisk li or-ganizza bhala forum ghaz-zghazagh…**"minghalija organizzajt dan il-film ghall-ohrajn meta ndu-najt li Alla jrid jghidli xi haga ghalija personali.**

**LAQGHAT GHAZ-ZGHAZAGH**

**KULL NHAR TA' ERBGHA FIS-7:00 PM FIC-CENTRU, Ix-Xghajra**

Contacts: Maria 79049191

John Paul 79294947

Fr Colin 79991459 /

Hemm bdejt nahseb bis-serjeta' dwar ir-Rieda t'Alla ghalija jekk ghandix nipprova l-hajja f'kunvent. Kont misthi hafna u nitwerwer meta nahseb li rrid niffaccja udjenza qud-diemi. Dil-misthija zammitni lura, imma fl-ahhar sirt izjed bniedem liberu u sibt il-veru jien!"

Ir-rapport matur li bnew Maria u John Paul qed iwassal lil dawn iz-zghazagh li jkunu dejjem izjed ta' servizz ghaz-zghazagh l-ohra.

Ps ghandi tislima specjali ghal Fr Ivan—minn ghand Frangiskan bhalu li gie hawn Malta u li ltqajt mieghu waqt is-Summer Course 2015 f'St Anselm's: <u>FR MARTIN</u>…

## ZGHAZAGH FIL-QUDDIES TAS-SIBT U L-HADD—IL-*HOSTEL*

Il-"Hostel" tax-Xghajra *community qed iservi biex niltaqghu ma' bosta zghazagh li ghamlu ghazliet f'hajjithom u sabu li l-hajja taghhom qed issir izjed bis-sens meta jaghtu lilhom infushom ghall-gid ta' min hu fqir u batut. Kienu diversi gruppi ta' zghazagh li jigu fil-"Hostel" biex jghaddu xi granet flimkien, jitolbu, jsajjru, jiltaqghu biex ihejju ruhhom ghall-progetti biex iservu lill-ifqar fost il-fqar.*

*Kull grupp li jigi dejjem isib il-hin biex jiehu sehem fil-quddiesa tax-*Xghajra community *biex jaqsmu maghna r-ragunijiet li wassluhom biex jaghmlu minn hajjithom servizz kontinwu.*

*Kellna gruppi li qed ihejju l-hidma tagh-hom biex imorru Catania biex jghaddu xahar shih jahdmu mat-tfal fqar ta' Mother Theresa. Ohrajn qed ihejju biex imorru l-missjoni flimkien ghal xi zmien. Il-prezenza ta' dawn iz-zghazagh fix-Xghajra* community *qed ikunu ta' xhieda mhux bil-kliem imma b'ghemil-hom.*

*"Veru grupp ta' zghazagh maturi ,*

*Intelligenti, kapaci jisimghu hafna, ,*

*isaqsu u kapaci jiddjalogaw bis-sens…."*

— Patri Ilvan dwar il-Grupp taz-Zghazagh tax-Xghajra, wara l-laqgha ta' kull nhar ta ' Erbgha fis-7:00 pm ic-Centru.

**Il-"Hostel" tax-Xghajra Church ghandu akkomodazzjoni ghal 25 sodda biex komunitajiet li qed ifittxu lil Kristu jsibu hin ta'silen-zju, talb u jhejju l-programmi taghhom….**Contacts: Mary Abela 79470111/ Fr Colin 79991459 nicholas6346@gmail.com

## IZ-ZGHAZAGH U L-*HOSTEL: ECCA U "GISMI"*

Bdew b'telefonata lir-Responsabbli tal-Hostel li ghandna fil-Komunita' tax-Xghajra—MARY ABELA (Mob 79470111).

L-ewwel darba lil ltqajt ma' ECCA. Affaxxinani dan l-isem li qatt ma smajt bih. Sirt naf li ghandha FACE-BOOK u li rebhet L-GHANJA TAL-POPLU 2015 b'kanzunetta bl-isem "GISMI" li titratta suggett li hafna drabi nippreferu ninjorawh jew ma nitkellmux fuqu. Tkanta ghax kapaci tkanta imma tuza dan it-talent biex twassal messagg: il-lirika ta' persuna abbuzata sesswal-ment u t-trawma li tghaddi minnha.

Imma ECCA hi maghrufa mhux biss ta' Borma matul is-Sajf. Ghaddew hin twil quddiem Gesu' Sagramentat fil-Hostel stess u qasmu max-Xghajra *com-munity* l-esperjenza taghhom waqt il-Quddiesa tal-Komunita' fl-*"underground church".*

*Il-"Hostel" hu miftuh ghal kulhadd anki ghall-Komunitajiet li jixtiequ jghaddu xi hin fil-kwiet.*



# *BEFORE & AFTER*: MINN *HIPPIES* GHAL PATRIJIET U SORIJIET!! - FIX-XGHAJRA!



Prima.. Dopo..

Gew ikellmuna waqt il-quddies tal-Hadd—u qatt ma konna nobsru li dawk il-patrijiet u sorijiet li gew ikellmuna sal-bierah kienu 'hippies', b'xagharhom hafna differenti milli hija llum. Kienu jilbsu bhal kull guvni u tfajla ohra—sakemm sabu dak li verament qed iti-hom il-ferh tal-qalb.

Jisimhom PICCOLI FRATI U PICCOLE SUORE DI GESU' E MARIA. Hija t-tieni darba li gew Malta bil-hsieb li jixhdu b'hajjithom, li l-faqar radikali ta' San Frangisk t'Assisi hu possibli anki llum fl-2015—u jaghtik liberta' shiha.

Huma jemmnu li Gesu' jista' jkun izjed maghruf u mahbub billi jghixu hajja semplici; huma irgiel u nisa li jghixu f'komunitajiet frangiskani separati imma li jaghmlu l-apostolat flimkien. Gew ikell-muna fl-*underground church* tax-Xghajra *community*—mhux biss waqt il-quddiesa tal-Hadd imma komplew jil-taqghu mal-Komunita' fil-Hostel taghna tax-Xghajra.

Jippruvaw jghixu l-Faqar b'mod shih: biex gew Malta sabu min, anki mix-



Prima.. Dopo..



Prima.. Dopo..

Xghajra, li hallsulhom kollox. Uhud ghexu fil-"Hostel" ix-Xghajra u ohrajn ma' sacerdot.

Iz-zerriegha ta' TAMA li zerghu fil-qlub taghna ghad taghti l-frott f'waqtha. GRAZZI ghal MIRIAM BONELLO u l-hbieb taghha, li marru propju apposta ghandhom fi Sqallija u wara li ghamlu esperjenza personali ta' hajja frangis-kana stiednuhom biex jaqsmu hajjithom ma' Maltin ukoll....

***DAWN IR-RITRATTI JITKELLMU WEHEDHOM—IL-FERH U S-SERENTIA' TA' MIN SAB IDEJAL F'HAJTU U TBIDDEL KOMPLETAMENT….***

GRAZZI lil FR KEITH SCICLUNA li ak-kumpanjahom kull fejn kellhom bzonn imorru. Keith kont verament is-Samaritan it-Tajjeb. Grazzi tal-ferh li gibtilna...

Qasmu maghna hajjithom u kif ghamlu l-ghazliet unici taghhom. Kell-muna waqt il-Quddiesa tal-Hadd biex jilhqu kemm jista' jkun nies. Imma bqajt mistaghgeb li minkejja li konna tard, hafna nies baqghu anki wara l-quddiesa jisimghuhom u jitkellmu maghhom. Uhud kielu maghhom fil-Hostel tal-Komunita'.

**Xiehda ta' xhieda tiswa aqwa minn kull priedka.**



Prima.. Dopo..

Il-bniedem tal-lum m'ghandux bzonn priedki daqskemm hajja.

Iktar facli nparla milli nghix.

Dawn iz-zghazagh iqanqluk biex issaqsi u tfittex il-Verita' li hija Kristu Gesu'.

U la darba ssibU, jew ahjar thalliH isi-bek, tinduna li lest li titlef kollox ghalih biex ikollok lilu biss u xejn izjed.

Jekk tixtieq tkun taf izjed dwar din il-Komunita' ta' Frangiskani tal-lum inti mitlub li tikkuntattja lil xi hadd mill-Komunita' tax-Xghjara.



# L-EWWEL TQARBINA FIX-XGHAJRA – 2015

Abela Teyzem, Agius Matias, Attard Haylley, Bongailas Alizah, Calleja Deniro, Camilleri Kim, Degabriele Javier, Dimech Elizajah, Farrugia Denilson, Garcia Damian Steve, Gialanze' Owen, Mallia Kane, Mallia Matthias, Mallia Sabrina, Micallef Heydon, Micallef Neil, Mifsud Adam Thomas, Pace Gilbert, Poggi Adriana, Refalo Rowan, Said Ella, Vella Jake, Apap Angelo, Liam Cocker.

LIAM COCKER kien l-ammjirazzjoni ta' kulhadd specjalment ta' l-*LSA* GRAZIANA AXISA.—grazzi!





Ghall-ewwel darba fix-Xghajra organizzajna il-Purcissjoni ta' CORPUS CHRISTI bis-sehem tal-genituri u t-tfal tal-Ewwel Tqarbina. Il-quddiesa kienet b'sehem qawwi tal-genituri li urew is-sodisfazzjon taghhom li hadu sehem.

## FL-ISKOLA PRIMARJA TAX-XGHAJRA



Ghalliema, Katekisti u Genituri fl-Iskola Primarja tax-Xghajra ghall-Ewwel Tqarbina





## FIL-KNISJA TAX-XGHAJRA





# X'GARA FIL-KNISJA TAX-XGHAJRA WAQT LI SMAJNA L-ISTORJA TA' AYLAN

Min bid-dmugh f'ghajnejh. Min mistghageb.

Min izomm jghannaq lil uliedu fil-Knisja.

Min ihossu rrabjat ghax ma jista' jaghmel xejn.

Min jibza' x;'jista' jigri lilu u lil uliedu.

Rabja, bizgha, sofferenza—dawn kienu l-'feelings' li jinhassu fil-Knisja tax-Xghajra.

Din kienet ix-xena ripetuta fit-tlett quddisiet fil-Knisja tax-Xghajra.

**Elaine u David** gabu ghall-ewwel darba fil-Knisja lil **Paul.** Qalulna b'liema ferh laqghu t-twelid ta' Paul. U tinduna anki minn wichom, bil-"body language" taghhom, x'ferh u kuntentizza igiblek meta jkollok tarbija.

U frahna maghhom.

Kulhadd fil-Knisja rringrazzja lil Alla tad-don sabih tal-hajja.

Imma l-atmosfera fil-Knisja tax-Xghajra tbiddlet ghal kollox.

Wara li ntroduca lill-familja ta' Elaine, David u Paul, fl-omelija, Fr Colin dar ghal storja ohra ta' baby li minflok sab familja li tilqghu u taghmillu festa sab familja mejta, mgharrqa, mitfugh fuq ix-xatt mejjet—l-istorja ta' Aylan.

Qalilna x'qal il-Papa Frangesku dwar kif kull Djocesi, kull Parrocca, kull ghaqda ghandha tiehu hsieb almenu familja tar-refugjati. Beda biex ta ezempju: L-Istat tal-Vatikan, l-izghar stat fid-dinja, beda jiehu familji ta' refugjati u jaghtihom kenn.

Sfidana kif ahna minkejja li ahna l-izghar Komunita' fil-Knisja Maltija xorta wahda nistghu naghtu l-kontribut taghna. Ahna zghar, fqar, bla rizorsi imma mill-faqar taghna xorta wahda ser nghinu fejn nistghu.

Bdejna minn fridge li tajna lil min hu fil-bzonn. Imma dan il-bidu.....



GHALIEX REFUGJATI?

50 miljun persuna, ghall-ewwel darba wara it-Tieni Gwerra Dinjija, huma r-refugjati, li qed ifittxu azil, u nies li tilfu djarhom (SORS: UNHCR)

F'sena zdiedu 6 miljuni!

L-Ewropa kienet imkissra wara t-Tieni Gwerra; mijiet ta' eluf ta' Ewropej riedu jfittxu post fejn jghixu ghax madwarhom hlief tkissir u dezolazzjoni ma kellhomx. Sal-1959, 900,000 tqassmu mal-Ewropa, 461,000 hadithom l-Amerika, u 523,000 haduhom pajjizi ohra.

Illum dawn il-miljuni qed jaharbu mill-gwerra, qtil bl-addocc, rape, u distruzzjoni ta' bliet shah specjalment fis-Sirja.

In-nies li qed jaharbu mhumiex qed jaghmlu hekk b'kapricc—imma qed jaharbu minn regimi krudili. Hafna minn dawn il-Gvernijiet huma mghejjuna minn pajjizi sinjuri li jbieghulhom l-armi ta' distruzzjoni tal-massa biex jaghmlu profit!

***Ftit tal-gimghat ilu ritratti ta' tfal suwed gew ippublikati mejta, mgharrqa, fuq ix-xatt—bhalma gralu Aylan u ohtu ta' 5 snin. Ghaliex ma kienx hemm rejazzjoni fil-media internazzjonali? Ghax Aylan qiesu tifel Malti bhalna. Kien liebes ahmar u blue b'kuntrast marramel li nstab fuqu. Tfal Maltin jilaghbu fuq ir-ramel, jghumu fil-bahar u jiehdu gost bil-vaganzi tas-Sajf. Kull min ghandu ftit kompassjoni jghid:X'HASRA! DAN IT-TIFEL GHANDU DRITT GHAL FUTUR AHJAR…Ghandna xmara ta' nies iddisprati li ghandhom DRITT ifittxu futur ahjar ghall-familji taghhom ghax qed jaharbu mill-persekuzzjoni u faqar.***

***Ahna l-Maltin ahna Nazzjon ta' Emigranti—missirijietna kellhom kull dritt li jfittxu dinja ahjar ghalihom u ghal uliehom. Hafna mill-Maltin marru b'vapur lejn l-Awstralja, l-Ingilterra u l-Kanada dawn ir-refugjati gew fostna b'lanec imballati bin-nies fejn kien hemm min tefaghhom il-bahar, ghalaqhom fgati f'kabina, mietu fuq trailers mghaffgin fuq xulxin…. NISTGHU NGHIDU LI AHNA DINJA TA' NIES CIVILIZZATI?***

## *XGHAJRA CHURCH—Liturgija tat-Tfal—*

## *BIEX JIEHDU GOST JIGU L-KNISJA! HUMA U L-GENITURI U N-NANNIET TAGHHOM!*







Kif bdejna l-liturgija tat-Tfal waqt il-Quddiesa tal-11:00 a.m. kull nhar ta' Hadd. Stedinna CLOWN biex iiwassal messagg ta' ferh u t-tfal ikabbru s-"sense of belonging" fil-Knisja. Il-liturgija ma tibqax "boring". Ghax issir b'mod li jifhmuh u jiehdu sehem attiv...GRAZZI Fr Brian.

Kull nhar ta' Hadd it-Tfal jigu mistiedna biex johorgu mill-Knisja tax-Xghajra biex il-Katekisti jorganizzawlhom il-Liturgija tal-Hadd apposta ghalihom. GRAZZI lill-genituri li jgibu lil uliedhom u GRAZZI wkoll lill-Katekisti li jaraw x'jivvintaw biex ulied ix-Xghajra jiehdu gost jigu l-Knisja u jiehdu sehem attiv.

Wara l-Liturgija apposta tat-Tfal, it-Tfal jigu lura mic-Centru, u jwasslu l-messagg lill-genituri fil-Knisja.

Waqt l-Offertorju t-tfal jitilghu hdejn ic-celebrant fuq l-altar biex isegwu ahjar il-quddiesa. Waqt il-"Paci" t-tfal imorru jsellmu lill-genituri taghhom fil-Knisja.

L-ewwel passi...

Il-"Kinder sorpresa" anki din is-sena ser tkompli....

Tista' tghinna? Ghandna bzonn ta' genituri u ghalliema biex norganizzaw il-hidma ghat-tfal izjed u ahjar...Ikkuntattja lil Fr Colin (79991459)



Waqt il-quddiesa tat-Tfal.... Gabu l-"pets" taghhom ferhana biex iberkuhom...Prezenti Dun Sebastian Caruana...

GRAZZI Bastjan u nawgurawlek ghal hidma gdida tieghek fis-Seminarju....

Ma ninsewkx!

Itlob ghalina biex il-hidma li bdejt ix-Xghajra titkompla...

*"Hallu t-tfal jigu ghandi ghax taghhom hija s-saltna tas-smewwiet…." It-Tfal fix-Xghajra Church huma importanti hafna…norganizzaw bosta attivitajiet ghalihom u l-genituri u n-nanniet….*

## Jibda l-MUSEUM FIX-XGHAJRA!

"*The Russians Are Coming*" kien film sabih u divertenti. Imma issa fix-Xghajra ser nghidu; *TAL-MUZEW ARE COMING!"*

Mill-5 t'Ottubru 2015 ser nibdew il-Katekizmu ghat-tfal u ghall-adolexxenti. Ghal din is-sena ser jibdew jigu TAL-MUZEW biex jghallmuna. Kull wiehed u wahda minna hadna l-formazzjoni taghna mill-Muzew...u ghalhekk uliedna ser ikunu f'idejn esperti u deddikati.

Iktar taghrif tiksbuh waqt il-Quddies tas-Sibt (6pm) u l-Hadd (11 am u 6pmj)






Waqt l-Pajjizi sinjuri jibqghu jiddiskutu u juru kemm jiddispjacihom…bil-paroli issa wasal iz-zmien li nieqfu nparlaw u NAGHMLU XI HAGA biex nghinu lil minqed jahrab mit-terruri tal-gwerrer specjalment fis-Sirja.





**RITRATTI LI JITKELLMU WEHEDHOM….IMMA ANKI DAWN JINTESEW….U minkejja dawn ir-ritratti U filmati fl-ahbarijiet xorta wahda hawn min ma jridx jara u ma jridx jisma'….U AHNA FIX-XGHAJRA? X'SER NAGHMLU? Bdejna diskussjonijiet ma' NGOs biex naraw kif konkretament nistghu nghinu….**

**Ritratti li juru ta' dawk li verament jemmnu li *DAK KOLLU LI TATGHMLU MAL-IZGHAR FOST HUTI TKUNU QED TAGHMLUH MIEGHI STESS…(Gesu' Kristu lill-Kristjani kollha u n-nies ta' rieda tajba…)***








# NIES TAD-DEHEB FIX-XGHAJRA….

Hemm xi nies fil-Komunita' tax-Xghajra li jiswew mitqlu deheb. Kull harga ta' *Xghajra New Link* ser nibdew insemmuhom bhala ezempju ta' nies lajci li qed jiddedikaw hinhom u flushom ghax-*Xghajra Church.*

*Isem: SAVIOUR BORG*

*ETA': undisclosed*

*PROFESSJONI: jimla' t-toqob ta' kull ma jinqala': Scouts, maintenance, prezenza kontinwa u ta' appogg enormi. Ghandek bzonn xi haga? Staqsi lil SALVU!*

*J'Alla l-imhabba, il-gemtilezza u s-sens ta' dover jittiehdu minna lkoll.*

*GRAZZI SALV!*









## IL-'BRAINS' TAX-XGHAJRA CHURCH

*Il-'core group' tax-Xghajra hu maghmul minn lajci li joffru hinhom u hilithom biex itejbu l-Komunita'… Niltaqghu kull gimgha: nipprogrammaw, naqsmu x-xoghol u nieklu flimkien ukoll…..WAQT LAQGHA TAL-CORE GROUP XGHAJRA CHURCH*





## MIN QIEGHED MAN-NIES JISMA' L-QUDDIESA?

Il-Qdusija Tieghu l-Papa Frangisku hafna drabi jissemma fil-Knisja tax-Xghajra! Jolqotna bis-semplicita' tieghu, bil-qalb kbira li ghandu miftuha ghal kulhadd, u bl-umilta' tieghu.

Ftit ilu Fr Colin kellimna fuq l-UMILTA' - hu dan il-Papa li jurina b'hajtu xi tfisser tkun umli, vicin in-nies

Dan ir-ritratt juri lill-Papa Frangisku bil-qieghda jsegwi l-quddiesa man-nies fil-Knisja...anki tela' jitqarben man-nies! …

B'dawn il-gesti l-Papa qed jitkellem fuq kif nistghu nkunu umli. Mhux bil-priedki, imma bl-imgieba tieghu li titkellem izjed mill-kliem.

Anki fix-*Xghajra church* kemm-il darba Fr Colin spjegalna ghaliex xi mdaqqiet jinzel man-nies u jitqarben maghhom. Il-Ministri tal-Ewkaristija presenti iqarbnu n-nies u wara Fr Colin ikompli l-quddiesa.



# FIX-XGHAJRA: *IL-HIDMA TKOMPLI-* JOHN MALLIA

## Progett Komunita`

Minn meta beda l-hidma tieghu Fr. Colin fostna, mill-ewwel bdiet il-hidma biex jissawwar core group ta' persuni li jkunu jistghu jikkoordinaw l-aspetti differenti tal-Knisja tax-Xghajra. Bil-mod il-mod beda jinghaqad flimkien tim ta' nies minn sfondi differenti. Nies li diġà` kellhom esperjenza fix-Xghajra, nies li kellhom esperjenza bi bnadi ohra tal-knisja, u ohrajn li ghadhom ġodda ghal hidma bhal din.

Meta jkollok grupp bhal dan, irid ikun hemm hin biżżejjed biex it-tim kollu jiskopri lil xulxin, ngharfu l-hiliet ta' kull persuna u kulhadd jibda' jara x'jista' u xi jrid jaghmel. Bdejna nitghallmu kif nikkomunikaw u nahdmu ma xulxin. Spiccajna niltaqghu ta' sikwit halli nidraw kif immexxu laqgha effettiva. Fuq kollox, ridna mill-ewwel niskopru direzzjoni flimkien li tghinna nkunu iktar ta' servizz lejn hutna fil-komunita' u xhieda ta' l-imhabba ta' Kristu.

Fr. Colin kellu jmur l-Ingilterra fuq kors li kien se jghinu aktar fil-hidma tieghu. Konna ghadna fil-bidu, u konna ftit inkwetati li l-momentum li qbadna jibda' joghtor. Izda bhalma jghidu: kull sfida tista' ssir opportiunita`. Dan il-perjodu ta' żmien serva biex ghaqqadna iktar flimkien. Bdejna niltaqghu iktar ta' sikwit. Ghamilna lista tax-xoghol kollu li kellu bżonn isir, kemm fil-knisja kif ukoll fil-bini u fl-attivitajiet tal-Knisja. Sawwarna lista ta' prijoritajiet u bdejna nahdmu fuq l-affarijiet li kienu l-iktar urġenti. Qassamna x-xoghol biex is-servizzi liturgici li taghti l-knisja tax-Xghajra jibqghu ghaddejjin.

Kellna problema li beda jidhol l-ilma fil-knisja. Il-problema kienet minn diversi bnadi. Wara li gew identifikati l-problemi, bdejna x-xoghol ta' manutenzjoni li kellna bżonn. Bix-xoghol ta' diversi minna, irnexxielna naslu, u issa l-knisja hija hielsa mill-ilma u l-hsara.

> "m'ghandix dubju li kull persuna qed taghmel xoghlha bil-qalb u b'energija kbira. .."
>
> JOHN MALLIA (Chairperson tax-Xghjara Church Core-Group)

Matul is-sajf saret hidma ukoll biex tiġi rranġata l-knisja. Rajna x'hemm bżonn u ghamilna pjan. Gbarna l-istimi, u issa qeghdin fil-process ta' ghazla. Xoghol iehor sar fuq is-saqaf tal-knisja l-antika, u ghaddej xoghol fuq bnadi ohra, bhac-centru u l-hostel.

Issa li Fr. Colin rega' qieghed fostna, ir-rittmu baqa' miexi. It-tim huwa stabbilit u qed jahdem id f'id mieghu halli l-hidma issa tibda taghmel il-frott. Xoghol li ha hafna hin u sagrifiċċji. Izda m'ghandix dubju li kull persuna qed taghmel xoghlha bil-qalb u b'energija kbira. Il-Progett Komunita` qed jiehu sura verament sabiha grazzi ghall-ghajnuna ta' kulhadd, u bl-ghajnuna ta' Dak li nemmnu li jista' jaghmel id-differenza f'hajjet kull wiehed u kull wahda minna.

Il-hidma tkompli.....

IX-XGHAJRA HIJA TIEGHEK: KEMM TKUN SABIHA U ATTIVA JIDDEPENDI MILL-KONTRIBUT TIEGHEK...IX-XGHAJRA GHANDHA BZONNOK...UZA T-TALENTI U L-KAPACITAJIET TIEGHEK GHAL GID TAL-KOMUNITA'...OFFRI S-SERVIZZ TIEGHEK BIEX NAGHMLU X-XGHAJRA AHJAR...

*TAJJEB LI TKUN TAF...*

# X'QED JIGRI FIX-XGHAJRA

**SERVIZZI LI SSIB FIX-XGHAJRA OFFRUTI MILL-KNISJA: PRIVAT B'XEJN U GHAJNUNA WARA L-ISKOLA FIC-CENTRU—KIF TGHALLEM LIT-TFAL BIEX IHOBBU IZJED JAQRAW—GHAJNUNA LIL MIN HU FQIR—SERVIZZ TA' FAMILY COUNSELING MINN NIES PROFESSJONALI**

## PRIVAT B'XEJN U GHAJNUNA WARA L-ISKOLA

Mill-5 t'Ottubru 2015 fic-Centru tal-Knisja tax-Xghajra ser jibdew jinghataw b'xejn lezzjonijiet ta' taghlim biex jghinu lit-tfal li jhossu li jkunu mghejjuna b'dan it-taghlim.

Ser jinghataw attenzjoni personali u skont il-bzonnijiet tat-tifel jew tifla.

L-ghalliema, specjalizzati fis-settur taghhom, ser jghallmu 'basic subjects' (Ingliz, Mathematics, Malti etc)

Dan hu Progett mahdum mill-ghalliema u studenti tal-Universita' ta' Malta.

Ser jinghata Certifikat lil dawk l-Ommijiet u t-tfal li ser jiehdu sehem.

Dawk il-genituri li jridu li uliedhom igawdu minn dan is-servizz li l-Parrocca qed taghti ghandhom jirregistraw lil uliedhom fil-Knisja tax-Xghajra jew icemplu lil Fr Colin 7999 14 59 .

Servizz iehor li qed noffru huwa ghall-Ommijiet u n-nanniet jew lil min jiehu hsieb it-tfal fid-Dar. Ser ikollna ghalliema u ommijiet mharrga biex jghallmu kif jaqraw **STEJJER LIT-TFAL**. Dan huwa servizz iehor biex inheggu lit-tfal taghna jhobbu l-ktieb, jiehdu GOST JAQRAW. L-imhabba ghall-Kotba tat-tfal taghna rridu nqajmu minn eta' zghira. Min jaf jaqra ghandu vantagg fil-hajja mhux biss issa bhala tifel tal-iskola imma 'l quddiem ukoll ghax ihossu ppreparat ghall-hajja ahjar.

**Mons Arcisqof Charles J. Scicluna** f'laqgha li kellu ma' Fr Colin wera x-xewqa u l-inkoraggiment u ghajnuna li l-Knisa f'Malta tixtieq u tista' taghti lil min hu fil-bzonn fix-Xghajra. L-Arcisqof ghandu hafna ghal qalbu x-Xghajra u lest li jaghti l-ghajnuna kull fejn hemm bzonn biex uliedna jkollhom edukazzjoni ahjar.

## SERVIZZ TA' FAMILY COUNSELLING U PSIKOTERAPISTA

MARIELLA SWAIN, psikoterapista, ser tkun qed tghin lil dawk kollha li jkollhom bzonn is-servizz taghha. Cempel lil Fr Colin (79991459) ghall-appuntament.

# IL-PROGETT TA' DAWL GDID FIL-KNISJA TAX-XGHAJRA

DIGA' ksibna tlett 'quotations' biex naghzlu minnhom—il-HOLMA taghna hija li meta tidhol il-Knisja tax-Xghajra ssib tilqed ATMOSFERA TA' GABRA U TALB.

Ser inbiddlu d-dwal tal-Knisja. Kif tidhol nit-tamaw li ssib dawl li jserrhek u qabel il-Quddiesa ser ikun hemm kwarta ta' espozizzjoni tas-Sagrament, meditazzjoni qasira, u Barka Sagramentali.

> *IL-knisja tax-xXghajra hija TIEGHEK. Timxi 'l quddiem daqskemm taghti sehemek fit-titjieb taghha. Trid tghin? Cempel lil Fr Colin 7999 14 59 jew xi Facilitator tax-Xghajra.*

Dan huwa mod li inheggukom biex tigu ftit qabel il-quddiesa biex titolbu maghna. Ahna, bhala Kattolici, mheggin biex inqaddsu l-Jum tal-Hadd. Nitolbu flimkien qabel il-Quddiesa tal-Hadd ser ikun mod kif inqaddsu flimkien Jum il-Mulej.

Barra s-sistema tad-dawl diga' tejjiebna hafna l-kwalita' ta' Sound System fil-Knisja. Ghadna m'ahniex perfetti imma qed nippruvaw naghtu dan is-servizz lil kull min jigi l-quddies.

Qed ninnotaw zieda sostanzjali tan-nies waqt il-quddies tas-Sibt u l-Hadd.

**QUDDIES FIX-XGHAJRA**

**Is-Sibt fis-6:00 pm**

**Il-Hadd fil-11:00 am u fis-6:00 pm**

# MAGHMUDIJIET U ZWIGIJIET FIL-KNISJA TAX-XGHAJRA

Fil-Knisja tax-Xghajra nistghu naghmlu s-Sagramenti kollha tal-Knisja Kattolika li normalment jiehdu sehem fihom l-Imghammdin.

Diga' ghamilna sitt maghmudijiet fix-Xghajra. Dan is-Sagrament tal-Bidu tal-Hajja Nisranija isir fix-Xghajra stess u t-thejjija ghalih issir ukoll fix-Xghajra.

Anki z-ZWIGIJIET nistghu ukoll naghmluhom fil-Knisja tax-Xghajra.

Hemm ukoll il-possibilta' li nuzaw is-Swali tal-Komunita', il-Palk u t-Tejatru fejn isiru parties tal-Milied u l-Easter,. Parties tal-Ewwel Tqarbina, Grizma u ghal xi okkazjoni specjali.

## INTENZJONIJIET TAL-QUDDIES FIX-XGHAJRA

Huma b'xejn.

Il-Quddiesa ma tixtihiex.

Ghalxejn issaqsi lill-qassis "kemm tiswa' l-quddiesa?' jew "kemm irrid inhallas ghall-quddiesa?' Ghax it-twegiba hi B'XEJN. Il–quddiesa hija l-Offerta tal-istess Gesu' Kristu lil Alla Missieru.

L-ghajnuna li taghti mhix biex 'tixtri' l-quddiesa imma bhala ghajnuna ghac-celebrant li jqaddes. Hija offerta. Min jista' jaghtiha imma anki min m'ghandux flus xorta jista' jitlob il-qassis biex

## TAGHLIM TAD-DUTTRINA – granet u hinijiet

Il-Klassijiet Kollha ser ikunu nhar ta' TNEJN u nhar ta' HAMIS
Hinijiet: 4:30 pm sal-5:15 pm

IMMA S-SUBIEN TAL-KLASSI 4, 5, 6, (jigifieri l-Iskola Year 5, 6 u Form 1 ser ikollhom il-klassijiet
IT-TLIETA U L-GIMGHA
Hinijiet: 5:30pm u s-6:30 pm

Is-soci tal-MUSEUM li ser jghallmu lis-subien ta' dawn il-klassijiet ser jorganizzaw ukoll—ghal min irid—kuntatti kontinwi ma' Tal-Muzew tal-Kalkara anki s-Sibt u l-Hadd. Din hija okkazjoni biex uliedna jkollhom kuntatti ma' shabhom tal-eta' taghhom u jiddevertu ma' zghazagh tal-eta' taghhom.

Bhalma tafu, f'din l-eta', jinfluwenzawhom hafna z-zghazatgh tal-eta' taghhom. Importanti ghalhekk li nipprovdulhom ambjent san fejn jiehdu gost flimkien.

L-UNITA' FIX-XGHAJRA

Ix-Xghajra hija wahda.... Qed nahdmu flimkien biex ikollna Xghjara ahjar.

GRAZZI lis-Sindku ANTHONY VALVO li dejjem lest biex jaghti daqqa t'id u dejjem prezenti...GRAZZI lill-Kunsill Lokali, l-istaff kollu, RANIER BUSUTTIL, is-Segretarju, u l-haddiema kollha. GRAZZI lis-Surmast u l-Headmistress tal-Iskola Prmarja li qed jaghmlu xoghol imprezzabli ghax-Xghajra ... grazzi tal-hidma flimkien. Grazzi llix-Xghajra TORNADOS FC li tant nahdmu flimkien ghal gid tat-tfal u z-zghazagh taghna... GRAZZI lill-Katakisti u ghalliema li ilhom is-snin iservu lix-Xghajra...GRAZZI b'mod specjali lil dawk li huma morda, maghluqa fid-djar taghhom li isostnuna bit-talb u s-sagrificcji taghhom....GRAZZI lil dawk kollha li ma jidhrux imma qieghdin hemm iservu u jaqdu bla







### *IL-LEADERS TAL-KOMUNITA' TAX-XGHAJRA…..*

- *insejhulhom FACILITATORS biex nevitaw l-ambigwita' ta' titli u nuru x'inhu l-iskop veru ta' hidmiethom: servizz, biex jiffacilitaw is-servizz li jinghata fil-Komunita'.*

*Dan it-taghrif tista' ssibu utli biex tikkuntattjana iktar malajr:*

*Fr Colin Apap +356 79991459*
*E-mail: nicholas6346@gmail.com*
*John Mallia (Chair) +356 99441840*
*Salvu Borg +356 79690715*
*Mary Abela (Hostel) +356 79470111*
*Enid Bonello (Segretarja)*
*Grace Magro (Katakisti)*
*Miriam Poggi (Katakista)*
*Rita Mifsud*
*Claire Spiteri*
*Charles Mifsud*
*Diane Mallia*
*Frida Farrugia*
*Judith Barun*
*Grace Borg*
*John Paul Vella (JP) (Zghazagh)*
*Maria (Zghazagh)*
*Kylie Spiteri*
*Mario Mifsud (Minister of the Eucharist)*
*David Mifsud (Minister of the Eucharist)*
*Ian Ellul (Minister of the Eucharist)*
*Donatella Zammit (Education)*
*Mariella Swaine (Psychotherapist)*

E-mail:
xghajrachurch@gmail.com

Find us on Facebook xghajrachurch

+356 79991459